**Kunsill Lokali Ħamrun**
**Triq id-Duka ta' Edinburgh**
**Ħamrun**
**Tel: 21222020 / Fax: 21221522**

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN** **IS-SEBA' KUNSILL**

**MINUTI SEDUTA NRU. 04, it-TLIETA 19 ta' MEJJU 2015**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta 19 ta' Mejju 2015 fis-6.30 filgħaxija fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

**<u>Preżenti</u> (Seba' Kunsilliera)**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Christian Sammut | Sindku |
| Is-Sur Vincent Bonello | Vici Sindku |
| Is-Sur Antonello Cuschieri | Kunsillier |
| Is-Sinjura Carmen Borg | Kunsillier |
| Is-Sinjura Louise Portelli | Kunsillier |
| Is-Sur Jurgen Carl Grixti | Kunsillier |
| Is-Sur Efrem Buttigieg | Kunsillier |

**<u>Talba</u>**

Is-Sindku qal it-Talba.

**01/01 APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Ġew iċċirkulati l-Minuti ta' Seduta Nru 3 lill-membri preżenti, li ttieħdu bħala moqrija.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello xtaqt li jikjarifika punt dwar is-servizz ta' kustodju ta' Gnien Anton Buttigieg. Il-Viċi Sindku fisser li l-persuna li kien kellem qabel l-elezzjoni iċċekja mal-Korporazzjoni għax-Xoghol u Taħriġ fejn ġiet infurmata li l-Korporazzjoni jagħtuh benefiċċju ta' 5 ijiem, issa jekk il-Kunsill irid iħallas għal servizz matul il-weekend, għandu jkun il-Kunsill li jiddeċiedi.

Il-Viċi Sindku kompla li dwar il-ħlas għal dan is-servizz, żgur li se jiġi jiswa anqas lill-Kunsill, għaliex biex timpjega persuna se tiġi aktar għolja.

Is-Sindku, Christian Sammut spjega li kien hemm *misunderstanding* u ma ġiex miftihem hekk.

Il-Kunsillier Carmen Borg ġibdet l-attenzjoni li dawn il-persuni joffru s-servizz tagħhom sat-3.00p.m. u għaldaqstant il-ġnien se jingħalaq kmieni ħafna.

Is-Sindku talab li din il-kwistjoni tiġi diskussa fil-ħin opportun u mhux f'din is-Seduta.

**Il-Minuti gew approvati unanimament.**

## 02 Punti li joħorġu mill-Minuti

### 02/01 Serata Mużiko-Letterarja

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li kollox jinsab lest ghas-Serata Letterarja tal-Gimgha 22 ta' Mejju 2015, liema attivita' tibda fis-7.00p.m. u tintemm ghall-habta tad-9.00p.m.

Il-Kunsillier Louise Portelli staqsiet jekk hux possibli li tiddahhal poezija ohra. Issugeriet li jiddahhal s-Sur Alfred Scicluan li ghandu poezija ddedikata lil Victor Tedesco.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk tistax jiddahhal is-Sur Mario Spiteri.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti kkonferma li hu kien se jippartecipa billi jaqra poezija.

Il-Kunsillier Carmen Borg ikkonfermat il-partecipazzjoni ta' dawn il-persuni u rringrazzjat lill-membri tal-interess li hadu sabiex ikunu parti minn din l-attivita'.

### 02/02 Sorveljanza waqt il-ħin tal-Eżamijiet

Is-Sindku ġibed l-attenzjoni sabiex il-Kunsill jerġa' jinfurma lill-Pulizija sabiex issir sorveljanza waqt il-ħinijiet tal-eżamijiet, fl-area ta' Triq Joe Abela Scolaro. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li kienet għaddiet it-talba tal-Kunsill permezz ta' email kemm lill-Pulizija kif ukoll lir-Reġjun Nofsinhar.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa lis-Segretarju Eżekuttiv jekk il-Kunsill ingħatax data għal-laqgħa mitluba mas-Supretendent. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri li s-Supretendent kien għamel kuntatt magħha fejn infurmaha li kien jinsab marid serjament u kien jinsab fuq sick leave. Malli jidħol lura għandu jagħmel kuntatt sabiex isir il-meeting mitlub.

### 02/03 Sotto Kumitat

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello staqsa jekk hux tassattiva li jkun hemm seba' (7) membri f'kull sotto-kumitat. Is-Sindku spjega li hu esprima l-opinjoni tiegħu, dwar in-numru ta' membri, iżda kull kunsillier huwa liberu li jaħtar membri kemm iħoss opportun.

Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li l-Kunsill japprova l-membri ġodda tas-Sotto Kumitat tagħħa; Dr. Gabriel Ellul, Is-Sinjura Doris Vella u s-Sinjura Antionette Abela.

Il-Kunsilier Efrem Buttigieg talab li l-Kunsill japprova membru Kevin Azzopardi bħala membru tas-Sotto Kumitat tiegħu.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri talab li l-Kunsill japprova lis-Sur Joe Bugeja minflok lis-Sur A. Cuschieri u lis-Sinjuri Carmen D'Amico, Armando d'Amico u Renald Micallef bħala membri tas-Sotto Kumtitat tiegħu.

Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti talab li l-Kunsill japprova lis-Sur Joseph Spina bhala membru tas-Sotto Kumitat tiegħu.

Il-Kunsill laqa' dawn it-talbiet.

**02/04 1Hr Parking Scheme – Triq il-Kbira San Ġużepp**

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk hux possibli li l-Kunsill joħroġ avviż dwar x'inhu l-pass li jmiss dwar il-1Hr Parking Scheme. Ġie maqbul li għandu jinħareġ avviż fuq is-sit elettroniku facebook.

**02/05 Pjanti fi Triq id-Duluri**

Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello tkellem dwar is-suġġeriment ta' tqegħid ta' pjanti fi Triq id-Duluri u Sqaq il-Għajn. Is-Sur Bonello spjega li hu aktar jara li bħalissa l-prijorita' għandha tkun li tissewwa t-triq.

**03 Ġieħ il-Ħamrun 2015**

**03/01** Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kunsill rċieva tminn (8) Nominazzjonijiet għall-Unur Ġieħ il-Ħamrun 2015, li huma;

Claudio Cassar
Żewġ nomini - Gaetano Cuschieri
Żewġ nomini – Mons. Joseph Pace
Fr Anton Portelli
Joe u Carmen Tanti – The Greenfields
Melina Agius Delicata
L-Ambaxxatur Ray Azzopardi

Is-Sindku spjega li minħabba li Gaetano Cuschieri ġie nieqes, il-Kunsill ma jistax jagħti Ġieħ il-Ħamrun.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ saħaq li fir-regolamenti ma kien hemm xejn imniżżel f'dan ir-rigward. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ staqsa għaliex persuna ġiet nieqsa ma' jistax jingħata l-Ġieħ u taqa' n-nomina.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri fisser li hija *unfair* u ġaladarba ma kienx hemm imniżżel fir-regolamenti, n-nomina m'għandiex taqa'.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri enfasizza li huwa mportanti li l-Kunsill jaħdem fuq ir-Regolamenti, sabiex ikunu ċari kemm jista' jkun.

F'dan l-istadju s-Segretarju Eżekuttiv ġiet mitluba terġa' ssemmi l-ismijiet tal-persuni nominati.

Il-Kunsillier Louise Portelli talbet li tippreżenta nomina, għaliex waqt is-Seduta ta' qabel, twaqqfet milli tinnomina għaliex kellha l-impressjoni li matul din is-Seduta setgħet tinnomina. Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni tal-membri li matul is-Seduta ta' qabel il-Kunsillier Louise Portelli uriet ix-xewqa li tinnomina lis-Sur Simon Schembri. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieg issekonda dan kollu.

Il-Kunsill beda jiddiskuti n-nomini, liema nomini huma annessi ma' dawn il-Minuti.l

Wara li ġew evalwati n-nomini kollha, s-Sindku ssuġġerixxa li Claudio Cassar jingħata x-shield tal-Isportivi li għamlu Unur lill-Ħamrun, liema shield tinżamm għal sena u terġa' tiġi rritornata lill-Kunsill, filwaqt li l-Unur Ġieħ il-Ħamrun jingħata lill-Ambaxxatur Ray Azzopardi.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri, filwaqt li fisser li hu għandu rispett kbir lejn l-Ambaxxatur Ray Azzopardi, ihoss li hemm min għamel impatt akbar bħala ġieħ lill-Ħamrun. Il-Kunsillier

Antonello Cuschieri ssuġġerixxa li l-Unur Ġieħ il-Ħamrun jingħata lil Joe u Carmen Tanti – The Greenfields, għaliex dawn għamlu unur kemm fil-Ħamrun kif ukoll ħadmu u għamlu unur kemm fuq livell Nazzjonali kif ukoll Internazzjonali.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ issekonda din il-proposta għaliex iħoss li l-Greenfields ħadmu ħafna aktar fil-Ħamrun mis-Sur Ray Azzopardi.

Il-Kunsillier Louise Portelli fissret li għandha rispett kbir lejn l-Ambaxxatur Ray Azzopardi, iżda tħoss li l-Greenfields għamlu ħafna aktar ħidma fil-Ħamrun.

Il-Kunsillier Carmen Borg fissret li Mons. Joseph Pace ħareġ beyond his limits għal ġid tat-tfal u l-familji tal-Ħamrun.

Il-Viċi Sindku Vincent Bonello esprima l-opinjoni tiegħu li n-nomini ppreżentati din is-sena huma kollha tajbin.

F'dan l-istadju s-Sindku ppropona li l-Kunsill imur għall-Vot.

Is-Sindku, Christian Sammut ippropona li l-Unur Ġieħ il-Ħamrun 2015 jingħata lill-Ambaxxatur Ray Azzopardi.

Ivvutaw: Favur erba' (4) kunsilliera, s-Sindku, l-Viċi Sindku Vincent Bonello, l-Kunsillier Carmen Borg u l-Kunsillier Jurgen Carl Grixti. Kontra tlieta (3) kunsilliera, l-Kunsillier Antonello Cuschieri, l-Kunsillier Louise Portelli u l-Kunsillier Efrem Buttiġieġ.

Il-Vot għadda b'erba' (4) voti kontra tlieta (3).

**03/02** Is-Sindku stieden lill-membri sabiex jinnominaw persuni u jiġi ffurmat Sotto Kumitat responsabbli mit-tfassil ta' Linji Gwida ta' kif għandu jingħata l-Unur Ġieħ il-Ħamrun.

**03/03** Is-Sindku, Christian Sammut issuġġerixxa li l-Greenfields jingħataw Rikonoxximent. Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello ssuġġerixxa li ġaladarba l-nomini kienu kollha tajbin, kollha għandhom jingħataw Rikonoxximent. Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li hu ma jaqbilx li jingħataw rikonoxximent għaliex dawn għamlu aktar minn ħaġa waħda.

## 04 Ħwejjeġ ta' Natura Urġenti

### 04/01 *Photocopier* tal-Kunsill

Is-Sindku nfurma lill-membri li l-Kuntratt tal-*photocopier* tal-Kunsill skada u sar upgrade tal-*photocopier* u l-kumpanija offriet li l-Kunsill iżomm il-*photocopier* l-antika.

Is-Sindku ppropona li l-*photocopier* l-antika tingħata lil waħda mill-għaqdiet tal-lokalita', għaldaqstant issuġġerixxa lill-*Ħamrun Scouts* biex tintuża mill-*Iscouts* u *Girl Guides*.

Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li l-Librara ilha snin titlob li l-Librerija tkun fornuta *b'photocopier*, għaldaqstant issuġġeriet li l-*photocopier* tingħata lil-Librerija. Il-Viċi Sindku Vincent Bonello jaqbel li l-għaqdiet jiġu mgħejjuna, fil-parametri li tippermetti l-liġi, iżda jekk hemm ħtieġa li l-Librerija jkollha *photocopier*, tingħata lil-Librerija.

Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa fejn isiru l-*photocopies* bħalissa. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat li bħalissa jsiru fi stationery mill-persuni li jkollhom bżonn.

Is-Sindku, Christian Sammut, iħoss li l-Librerija m'għandhiex bżonn dak il-kobor ta' makkinarju.

Is-Sindku ssuġġerixxa li din il-kwistjoni tiġi diskussa wara li jsiru l-verifiki mal-Librara.

**05 Tender Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat draft tat-Tender Document Cleaning, Upkeep & Maintanance of Public Conveniences. Saret diskussjoni dwar it-tender u sar qbil hemm bżonn ta' attendant li jagħmel monitoring tal-letrini matul il-ġurnata sabiex jiġu evitati ħsarat u abbużi. Il-Viċi Sindku saħaq li huwa mportanti li tiddaħħal klawsola li l-attendant jitħallas skont il-liġi.

Għaldaqstant ġie maqbul li l-Kunsill għandu joħroġ l-Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern u The Malta Independent, kif stipulat fil-Liġi.

**06 Tender/Quotation Servizz għal Security Officer fi Ġnien Anton Buttiġieġ**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat draft ta' dokument ta' tender għall-*Custodian*, li jkun responsabbli miż-żamma u sigurta' tal-Ġnien. Is-Sindku, Christian Sammut, fisser li l-persuna mqabbda mill-Kunsill għandha tkun *Security Officer* u mhux Cleaner. Għaldaqstant id-dokument għandu jiġi emendat għal servizz ta' *Security Officer.*

Il-Vici Sindku, Vincent Bonello, nfurma lill-membri li l-persuna li kien tkellem magħha kien lest li jaghmel xoghol ta' tindif, hu ma kienx lest tagħmel xogħol ta' *Security Officer.*

Għaldaqstant ġie maqbul li jinġabru tlett (3) stimi għal Servizz ta' *Security Officer* u jitqabbad għal xahar.

**07 Ħwejjeġ Oħra**

07/01 Il-Viċi Sindku, Vincent Bonello, staqsa dwar il-patching fl-area tal-Kunċizzjoni u dwar it-tkomplija tax-xogħlijiet fi Triq Kanonku Bonnici. Il-Vici Sindku Vincent Bonello enfasizza l-importanza li dan ix-xoghol isir qabel il-festa u galadarba x-xoghol ilu ordnat ghandu jitkompla.

07/02 Il-Kunsillier, Louise Portelli, talbet li jiġu nstallati aktar bins qrib il-Liċeo, ħdejn l-iSphinx. Għaldaqstant ġie maqbul li jiġu ordani 4 Doggy Bins oħra.

07/03 Is-Sindku, Christian Sammut, fakkar lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex tgħaddi *reminder* lil Transport Malta sabiex jitneħħa jew għallinqas li ssir tiswija ta' l-arloġġ ta' Pjazza San Pawl.

07/04 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ talab li titressaq għall-attenzjoni tal-awtorita' konċernata l-periklu li hemm fi Triq il-Kbira San Gużepp, faċċata ta' Pizza Prit, fejn hemm ħanut li għandu l-entratura tal-ħġieġ mkissra.

07/05 Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ infurma lill-membri li fi Triq il-Kbira San Ġużepp, lejn il-Blata l-Bajda, hemm ħanut tat-Turkish , li ħareġ xi pjanti fuq il-bankina u ostakola l-aċċess għal kull min juża din il-bankina. Is-Sur Buttiġieġ ħa l-inizzjattiva li jkellem lill-persuna li tkun fil-ħanut u assigurah li se jirrinġahom.

07/06 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri staqsa jekk hux possibli li għall-iskema ta' Restawr jiddaħħlu l-Kappella ta' Nuzzo, niċeċ eżistenti ma' bosta faċċati ta' djar u t-Torri fi Triq San Gejtanu. Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri bil-ħidma tagħha fejn jidħol ir-restawr tat-Torri fi Triq San Gejtanu u qalet li Heritage Malta għahdom fondi allokati għal dan ix-xogħol.

07/07 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri nfurma lill-membri li fi Triq Qrejten hemm għalqa privata li qed joħorġu ħafna ġrieden minnha.

07/08 Il-Kunsillier Antonello Cuschieri ġibed l-attenzjoni tal-membri li l-Ħadd tal-Festa San Ġużepp, il-lift tal-parkeġġ ma kienx qed jaħdem.

07/09 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni li fi Triq San Gejtanu hemm 2 bozoz maqtugħin, hemm bzonn li jsiru litter bins għall-klieb fl-area tal-Kunsill u Triq id-Duluri qed ikun hemm ħafna seringi.

07/10 Il-Kunsillier Jurgen Carl Grixti ġibed l-attenzjoni li hemm bżonn li tiġi nstallata Mera fi Triq Ħal Qormi, fil-parti tar-rampa ta' Triq Atocia, mill-aktar fis possibli.

07/11 Il-Kunsillier Carmen Borg talbet li l-Kunsill joħroġ sejħa għall-*Quotation* ta' *Tutor* sabiex tagħti l-lezzjonijiet tas-Sajf fil-Kunsill. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

07/12 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li fl-okkażjoni ta' Jum il-Missier se ssir ħarġa l-Bird Park il-Mellieħa.

07/13 Il-Kunsillier Carmen Borg infurmat lill-membri li ltaqgħet ma' rappreżenanti tal-Aġenzija Sedqa li kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom fl-attivita' tal-Kusnill.

07/14 Il-Kunsillier Louise Portelli pproponiet li tinħareġ Press Release tal-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill.

07/15 Is-Sindku fakkar lill-membri fl-istedina li saret mill-Għaqda Mużikali San Gejtanu u ħeġġeġ lil kulħadd jattendi.

**08 Aġġornament**

Il-Laqgħa ġiet aġġornata għall-Erbgħa 24 ta' Ġunju 2015, fis-6p.m.

Il-Laqgha ntemmet fit-8.30p.m.

| | |
|---|---|
| Christian Sammut | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

DATA